MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Numru. 520/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**
**- vs-**
**JOHN MUSCAT**
**JONATHAN MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JOHN MUSCAT** bin Peter Paul, imwieled Nadur u residenti Nadur, detentur tal-karta tal-identita` numru 59855 (G) u **JONATHAN MUSCAT** iben John imwieled l-Awstralja u residenti Nadur detentur tal-karta tal-identita` numru 162899 (G) gew imressqa quddiemha akkuzati talli fis-sittax ta' Ottubru, 2003 fin-Nadur, Ghawdex bhala persuni li ghandhom licenzja biex izommu jew biex ikollhom f'idejhom jew fuqhom armi tan-nar jew

munizzjoni ma zammewx fil-kustodja taghhom l-armi u munizzjoni b'mod li ma jkunux jistaw jigu f'idejn haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-Ligi, f'kaz ta' htija, tikkonfiska l-oggetti esebiti.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom id-dokument mahrug mill-Weapons Office, dokument AB 1 li jindika illi l-erbgha armi tal-ghamla Browning, Benelli, Franchi u Cardonese li gew elevati minn PC 305 fis-sittax ta' Ottubru, 2003 mill-fond 23, Pjazza l-Arcipriet Martin Camilleri, Nadur jinsabu deskritti f'isem l-imputat John Muscat fil-licenzja tieghu mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. Id-dokument AB 2 jindika li l-imputat John Muscat ghandu licenzja ghaz-zamma ta' arma ghas-sena 2003. Dokument AB 3 jindika li l-imputat Jonathan Muscat ghandu licenzja sabiex jgorr arma tan-nar ghall-sport ghas-sena kurrenti 2003.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni b'mod partikolari lil PC 305 u lill-Ispettur Miruzzi jixhdu fis-seduta tal-hmistax ta' Jannar, 2004. Illi minn apprezzament ta' tali xhieda jirrizulta illi huma kienu qeghdin jaghmlu spezzjoni fil-fond residenzjali tal-imputati in konessjoni ma traffikar ta' ghasafar. Illi huma sabu l-armi li gew esebiti l-Qorti kif deskritti fis-seizure note esebita fl-atti dokument AB fuq mejda f'kantuniera tal-kcina god-dar. Illi dawn l-oggetti ma kienux maqfula u mhux kargati, tnejn mis-shotguns kienu gol-pocket u tnejn minnhom ma kienux.
L-imputat John Muscat xehed u qal li hu kien il-hanut meta gew il-Pulizija fuqu u qalulu li xtaqu jaghmlu search id-dar tieghu. Fil-presenza tieghu l-Pulizija sabu l-oggetti deskritti fid-dokument AB fuq il-mejda tal-kcina. Mistoqsi min jghix id-dar mieghu l-imputat wiegeb li hemm martu li m'ghandix licenzja sabiex igorr jew izomm armi u ibnu Jonathan Muscat, il-ko-akkuzat li ghandu licenzja ghall-garr ta' armi ghal skop ta' sport.

Il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha sostniet illi l-imputat John Muscat ghandu jinstab hati tal-akkuza addebitata fil-konfront tieghu ghaliex kif indikat minnu fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-**

**Pulizija vs Joseph Ellul** deciz nhar l-erbgha ta’ April, 2003 l-imputat ma kellux ihalli l-armi tieghu fid-dar accessibbli ghal terzi persuni li mhumiex koperti b’licenzja u inoltre iz-zamma taghhom trid tkun wahda li tali armi ma jistghux jaqaw f’idejn haddiehor liberament.

Id-difiza sostniet illi John Muscat kien ser inaddaf dawn l-armi u ghalhekk kienu fuq il-mejda tal-kcina u iz-zamma taghhom kienet wahda regolari.

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li fuq il-fatti m’hemmx kontestazzjoni u huwa biss fuq interpretazzjoni li l-Qorti ghandha taghti lill-artikolu 8 (1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ghamlet apprezzament tas-sentenza imsemmija mill-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha u cioe` dik fuq indikata u jirrizulta li l-fatti specie tal-kaz kienu simili ghall-dawn odjerni fis-sens illi f’dik il-kawza fil-fond instabu zewg snieter licenzjati fuq dak l-imputat, fuq xkaffa mhux fl-ghata taghhom, u dik il-Qorti hasset illi peress li s-snieter instabu mhux imsakkrin u ghalhekk accessibbli ghal certu nies, ir-reat kif propost fl-artiklu 8 (1) tal-Kap 66 kien jirrizulta.

Din il-Qorti pero marret oltre u rat sentenzi ohra fuq il-materja.  Fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Abela** deciza fit-tlieta u ghoxrin ta’ Lulju, 1992, il-Qorti kienet sabet lil Abela hati talli waqt li kellu l-armi taht il-kustodja tieghu, dan ma zammhomx b’mod li jistghu jigu f’idejn haddiehor u inoltre ghalkemm tali armi kienu mohbija u l-Pulizija xorta sabuhom waqt search, din l-akkuza irrizultat.

Fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti fl-**ismijiet il-Pulizija vs Josianne Mallia** deciza fis-sittax ta’ Marzu, 1999, jirrizulta illi l-iskop ta’ dan l-artikolu hu sabiex jassigura li kull min ghandu licenzja “to keep” jew “to carry” jiehu dawk il-mizuri kollha ragionevoli sabiex l-arma (jew munizzjon) li ghandu jew li qed igorr:
1. Ma tigix accidentalment f’idejn persuna ohra, kif ukoll;

2. Ma tinghatax biex tinzamm jew biex tingarr minn persuna li m'ghandhiex licenzja "to keep" jew "to carry" skond il-kaz dik l-arma jew munizzjon.

Din id-disposizzjoni qatt ma kienet intiza biex tippenalizza lil min, ghalkemm jiehu l-mizuri kollha ragionevoli biex izomm fiz-zgur arma tan-nar, tinsteraqlu dik l-arma, jew lil min jislef l-arma tieghu lil persuna li ghandha licenzja "to carry" biex din tal-ahhar tmur ghall-kacca biha. Mill-banda l-ohra, persuna li ghandha licenzja "to keep" arma partikolari ma tistax tghaddi dik l-arma lill-haddiehor biex tinzamm minn dak il-haddiehor f'fond differenti ghax licenzja "to keep" arma partikolari hi marbuta ma fond partikolari u ghalhekk dik il-persuna ma tkunx qed izomm "fil-kustodja taghha" dik l-arma jekk tippermetti li tinzamm f'fond iehor. Il-hsieb wara l-artikolu 8 (1) hu li "il-licensee ghandu jkun reponsabbli mill-kustodja ragionevoli tal-arma li hu licenzjat li jzomm jew li jgorr, u dan jghodd ukoll ghall-munizzjon".

F'din is-sentenza ta' Josianne Mallia, il-Qorti sabitha hatja ghaliex hasset illi hija ma haditx il-mizuri kollha ragionevoli biex tizgura li l-arma ma tittiehidx minn haddiehor ghaliex ma kienetx Mallia li ghaddiet l-armi lill-Pulizija waqt search, izda kienet il-Pulizija li sabet l-armi.

F'sentenza aktar ricenti, ukoll moghtija **mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, fl-ismijiet il-Pulizija vs Rita Tanti**, deciza fis-sebgha ta' Dicembru, 2000, din il-Qorti ghal darb'ohra sostniet li l-Qorti trid tkun sodisfatta li l-licensee hadet il-mizuri kollha ragionevoli sabiex l-armi ma jigux accidentalment f'idejn haddiehor. F'dan il-kaz, il-Qorti kienet illiberat lill-imputata ghaliex kienet zammet l-armi f'kexxun geww gwardarobba, imsakkra.

Fil-kaz in esami ghalhekk fid-dawl tas-suespost ma jirrizultax ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-imputat **John Muscat** ha l-mizuri necessarji jew ahjar ragionevoli sabiex l-armi ma jigux accidentalment f'idejn persuni ohra u dan ghaliex kif jirrizulta mix-xhieda tieghu stess huwa hallijhom fuq mejda, fil-kcina, meta hu lanqas biss kien id-dar.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 8 (1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ssib lill-imputat JOHN MUSCAT, il-licensee tal-armi esbiti hati u tikkundannah multa ta' mitt lira Maltin (Lm 100) u fir-rigward tal-ko-akkuzat JONATHAN MUSCAT tiddikjara li ma ssibux hati u tilliberah minn din l-akkuza.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tikkonfiska l-armi u munizzjon esebit, il-Qorti rat l-artikolu 19 tal-Kap 66 u cioe` li tali konfiska hija konsegwenza tal-piena u ghaldaqstant peress illi din il-Qorti sabet lill-imputat JOHN MUSCAT hati tal-akkuza u l-oggetti esebiti huma tieghu, il-Qorti tordna l-konfiska taghhom a favur l-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------